# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 291/2016**
**Appell Numru 292/2016**
**Appell Numru 293/2016**
**Appell Numru 294/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mario Gauci**
*Omissis*
*Omissis*
**Mary Muscat**
**Carmel Mangion**
**Maurizio Zahra**

Illum 30 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet (*a fol.* 97 *et seq.*) miġjuba kontra l-appellanti:

**Mario Gauci**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 324668(M),

*Omissis*,

*Omissis*,

**Mary Muscat**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 194355(M),

**Carmel Mangion**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 510853(M),

u

**Maurizio Zahra**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 286179(M),

akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-11 ta' Ġunju 2008 u fil-ġranet u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. irċevew mingħand Marvin McKay jew kisbu mingħandu xi wegħda li jingħataw lilhom jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, imgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, bl-imgieba tagħhom, ikkaġunaw lil Marvin McKay biza' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Lil *Omissis* [Anthony Borg], **Maurizio Zahra** u **Mario Gauci** waħedhom talli saru reċidivi *a termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Lil *Omissis* [Anthony Borg] waħdu talli kiser il-provedimenti ta' Artikolu 28A *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta billi kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-26 ta' Marzu 2007.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Mejju 2016 (Vol. IV – *a fol.* 869 *et seq.*) fejn il-Qorti:

- iddikjarat il-proċediment eżawrit fir-rigward tal-imputat *Omissis* [Anthony Borg] stante il-mewt tiegħu fil-mori tal-proċeduri;

- ma sabitx lill-imputati *Omissis* [Doreen Magri], Mary Muscat u Carmel Mangion ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u lliberathom minnha u, wara li rat Artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabithom ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u kkundannat lil kull wieħed minnhom erba' (4) xhur priġunerija u multa ta' ħamest elef Euro (€5,000);

- ma sabitx lill-imputat Mario Gauci ħati tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnha u, wara li rat Artikoli 18, 49 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra

tiegħu, b'dan li ma kkunsidratux reċidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta imma ta' Artikolu 49 biss, u kkundannatu erba' (4) xhur priġunerija u multa ta' sitt elef Euro (€6,000);

- ma sabitx lill-imputat Maurizio Zahra ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom u, wara li rat Artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-imputazzjoni l-oħra migjuba kontra tiegħu u kkundannatu erba' (4) xhur priġunerija u multa ta' ħamest elef Euro (€5,000);

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputata *Omissis* [Doreen Magri] biex tħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' erba' mija u tnejn u tmenin Euro (€482)[1] u kkundannat lil kull wieħed mill-imputati l-oħra biex iħallas lir-Registratur imsemmi s-somma ta' mija u tnejn u għoxrin Euro (€122)[2], ammonti li jirrappreżentaw spejjeż inkorsi mal-ħatra ta' esperti.

Rat ir-Rikors tal-appellant **Mario Gauci** (Vol. IV – *a fol.* 894 *et seq.*) ippreżentat fit-2 ta' Ġunju 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata billi [...] tikkonferma dik il-parti fejn huwa nstab mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnha ġie liberat u fejn ġie misjub ħati tal-addebitu tar-reċidiva (mhux ai termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 imma ta' l-Artikolu 49 biss), filwaqt tħassar u tikkanċella dik il-parti fejn huwa nstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni, u fejn ġie kkundannat erba' xhur priġunerija u multa ta' sitt elef Euro (€6,000) oltre ħlas tal-ispejjeż peritali, u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena, jew alternattivament tvarja biss dik il-parti tal-piena billi tiġi applikata piena aktar ġusta u ekwa għall-każ."*

[1] "sehemha (1/6) mill-ewwel rapport ta' Dr. Martin Bajada u l-ammont kollu fir-rigward tat-tieni rapport ta' Dr. Bajada."
[2] "sehemhom 1/6 mill-ewwel rapport ta' Dr. Martin Bajada."

Rat ir-Rikors tal-appellanti **Mary Muscat** (Vol. IV – *a fol.* 896 *et seq.*) ippreżentat fl-1 ta' Ġunju 2016 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-23 ta' Mejju 2016 fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-esponent mhux ħatja tar-reat fejn bl-imġieba tagħha, ikkaġunat lil Marvin McKay biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-esponent ħatja tar-reati kontemplati taħt l-Artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena u fl-eventwalita' li ma tilqax l-aggravji fuq il-mertu tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha li tikkonċerna l-piena nflitta.*

Rat ir-Rikors tal-appellant **Carmel Mangion** (Vol. IV – *a fol.* 900 *et seq.*) ippreżentat fit-2 ta' Ġunju 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u ġie lliberat minnha, tħassaraha u tirrevokaha in kwantu fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u għar-raġunijiet suespost, tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena."*

Rat ir-Rikors tal-appellant **Maurizio Zahra** (Vol. IV – *a fol.* 906 *et seq.*) ippreżentat fit-2 ta' Ġunju 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha* ***tibdel u tvarja*** *s-sentenza appellata billi: filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja tagħha fejn sabet lill-esponenti Maurizio Zahra mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni; tirrevoka l-istess sentenza appellata kwantu l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija; u rigwardanti l-piena, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-aggravji dwar il-mertu, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena aktar ekwa u ġusta skont il-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dawn l-appelli ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedini penali aġġornati tal-appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u rat ukoll in-Nota ta' Sottomissjonijiet (Vol. IV: *a fol.* 1008 *et seq.*) li l-appellanti Mary Muscat ippreżentat quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fid-9 ta' Awwissu 2018 u n-Nota responsiva tagħha (Vol. IV: *a fol.* 1016) ippreżentata fis-16 ta' Ottubru 2018.

Semgħet, fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2023, lill-avukati tal-appellanti (għajr għal tal-appellanti Mary Muscat) u lill-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm apparti dawk li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar erba' appelli minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-23 ta' Mejju 2016. Għandu jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti ġew mixlija sitt persuni b'dan illi fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti miet Anthony Borg (tant li l-Ewwel Qorti ddikjarat il-proċediment eżawriet fil-konfront tiegħu) u b'hekk ingħatat sentenza fil-konfront tal-ħames imputati l-oħra: Mario Gauci, Doreen Magri, Mary Muscat, Carmel Mangion u Maurizio Zahra. Dawn l-imputati appena msemmija appellaw mis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti għajr għal Doreen Magri.

Illi f'dan il-każ ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni huwa l-*parte civile* Marvin McKay li kien jiġġestixxi restorant bl-isem Al Mare. Fid-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti huwa qal li fis-sena 2003 kellu problemi finanzjarji. Huwa jispjega li kkuntattja lil Mario Gauci u ssellef elfejn lira Maltin (Lm2,000). Tul id-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti, McKay jagħti spjegazzjoni ta' kif issellef il-flus, minn għand min u kemm kellu jagħti lura. Għal kull buon ikun opportun li din il-Qorti tinnota li, kif *del resto* ingħad fis-sentenza appellata, kien hemm diskrepanzi fl-ammonti msemmija bejn dak li qal McKay fid-depożizzjoni tiegħu u dawk li ndika lill-Pulizija. Waqt id-depożizzjoni tiegħu huwa semma li ssellef dawn l-ammonti minn għand il-persuni msemmija maġenb il-figura ndikata:

- Lm44,100: Mario Gauci
- Lm22,500: Doreen Magri
- Lm6,000: Mary Muscat
- Lm7,000: Carmelo Mangion
- Lm32,200: Maurizio Zahra

Illi minn naħa l-oħra fir-rapport lill-Pulizija, McKay semma li kien issellef is-segwenti minn għand il-persuni msemmija maġenbhom:

- Lm49,600: Mario Gauci
- Lm44,000: Doreen Magri
- Lm9,000: Mary Muscat
- Lm32,500: Carmelo Mangion
- Lm44,629: Maurizio Zahra

Illi l-Ewwel Qorti qalet hekk fis-sentenza appellata (Vol. IV: *a fol* 871):

> "Illi minn dak li McKay qal lill-Pulizija jidher li l-pagamenti kollha li laħaq għamel lil Mario Gauci, Doreen Magri u Mary Muscat tul is-snin ma jkopriex l-

ammont kapitali misluf; jidher ukoll li lil Carmel Mangion ħallsu s-somma ta' tlieta u sittin elf Lira (Lm63,000) u lil Maurizio Zahra ħallsu s-somma ta' tmenin elf u tmien mitt Lira (Lm80,800). Għandu jingħad minn dak li qal waqt id-depożizzjoni tiegħu ma jirriżultax kemm ħallas lura lil kull wieħed mill-imputati."

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell rispettiv tagħhom, tinnota li jkun opportun li ssir riferenza għall-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellanti allura imputati li huma nstabu ħatja tagħha.

Illi l-ewwel (1) imputazzjoni ossia dik li tirrigwarda użurija temerġi minn Artikolu 298Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li kien miżjud b'Att III tas-sena 2002. Artikolu 298Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, mgħaxijiet jew qligħ ieħor taħt liema għamla li jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmintax-il xahar u għall-ħlas ta' multa minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) sa erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€34,940.60)."

Illi minn qari ta' dan is-sub-Artikolu jirriżulta li biex ikun hemm ir-reat ta' użurija hemm bżonn is-segwenti tliet elementi:

- li wieħed jikseb minn għand ħadd ieħor wegħda;

- li din li wegħda tkun marbuta jew tkun b'korrispettiv għal xi self, imgħaxijiet jew qligħ ieħor;

- li din il-wegħda tkun b'eċċess minn dak permess mil-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa prinċipju ormai stabilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konkluzjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni.[3]

Illi minkejja li kunflitt fil-provi għandu jmur a benefiċċju tal-imputat, pero' fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles**

---

[3] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997, din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi l-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** (Numru 128/2002) fejn din il-Qorti diversament preseduta spjegat x'jiġri meta Ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u ċioé jistgħu jiġru żewġ affarijiet u ċioè jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** (Numru 436/2009) mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li għandha twassal għal liberatorja. Fil-kawża **Pulizija vs. Joseph Thorn** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet:
>
> *"... mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji*

> *annunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006).""[4]

Illi kif diġà ngħad ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni f'dan il-każ huwa l-*parte civile* Marvin McKay. Din il-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** (Numru 38/2011) deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Ma hemm xejn ħażin illi l-Qorti tistriħ fuq xhud wieħed biss kif *del resto* hija ntitolata li tagħmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jgħid illi xhud wieħed jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tiġi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida mogħtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal sentenza mogħtija fit-3 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Debono** (Numru 50/2015) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din

[4] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali**, 24 ta' Jannar 2013; **Il-Pulizija vs. Mario Pace**, 6 ta' Frar 2013; **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt**, 11 ta' Lulju 2013.

> ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[5] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss."

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tikkunsidra l-aggravji mressqa minn kull appellant fir-Rikors rispettiv tagħhom aktar 'il quddiem f'din is-sentenza b'dan illi minħabba li r-Rikorsi tal-appelli tal-appellanti jibbażaw ruħhom fuq il-kredibilita' *o meno* tal-*parte civile* Marvin McKay, din il-Qorti hija tal-fehma li, sabiex tevita ripetizzjonijiet bla bżonn, f'dan l-istadju tagħmel numru ta' konsiderazzjonijiet rigward ix-xiehda mogħtija minn McKay quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti qrat it-traskrizzjonijiet tad-depożizzjonijiet li ta Marvin McKay, inkluż il-kontro-eżamijiet eżawrjenti li sarulu, u bħall-Ewwel Qorti ssib li l-verżjoni mogħtija minnu hija attendibbli u li l-figuri li ta juru biċ-ċar self ta' flus għal imgħax li huwa ogħla minn dak li tippermetti l-liġi. Il-Qorti kkunsidrat li meta x-xhud kien offert self bla imgħax huwa xehed hekk (Vol. II: *a fol.* 219): *"U qalli wkoll [Maurizio Zahra] li ta' dawn l-elf lira ma ried xejn, ta' dawn l-elf Euro ma ried xejn."* Barra dan meta mhux ċert

[5] "Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonavia** ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs. Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001**; Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004."

fuq il-figuri jgħid dan b'mod ċar, per eżempju (Vol. II: *a fol.* 221) jgħid: *"pero' miniex ċert eżatt fuq din il-figura"*. Fil-kontro-eżamijiet baqa' sħiħ ukoll.

Illi bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti tara ċertu ineżattezzi f'dak li qal McKay. Per eżempju l-ammonti li McKay ta lill-Pulizija fir-rapport tiegħu huma ogħla minn dawk li ta waqt id-depożizzjoni tiegħu. Hawnhekk fil-każ japplikaw l-ammonti li ta McKay fuq il-pedana tax-xhieda għaliex dawn huma ġuramentati waqt li l-oħrajn huma frott ta' eżerċizzju li għamlet il-Prosekuzzjoni fuq dak li qal McKay. Minkejja dan, dan ma jfissirx li McKay mhux ta' min joqgħod fuqu. Lanqas għax hemm diskrepanza bejn in-numru ta' ħaddiema li McKay qal li kien żamm miegħu meta ħa l-ħanut f'idejh u kemm fil-fatt żamm miegħu jew kif kien sejjer il-ħanut (jekk hux tajjeb jew le) ma jista' wieħed iqis li x-xiehda ta' McKay hija inattendibbli.

Illi l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni dawn id-dettalji kif jidher mill-eżerċizzju li għamlet fis-sentenza appellata b'dan illi l-Ewwel Qorti rat fejn kien hemm qbil billi qalet (Vol. IV: *a fol.* 880):

> "Aktar minn hekk dak li qal McKay lill-Qorti fuq it-termini miftehma dwar rifużjoni tal-kapital u ħlas ta' imgħax għal kull wieħed minn dawn l-ammonti, jaqbel ma' dak li qal lill-Pulizija."

Illi l-Ewwel Qorti mbagħad waslet għall-konklużjoni li d-diskrepanzi jibqgħu ta' konsegwenza minima fil-kwadru kollu. Hija kkunsidrat ukoll li McKay kien korroborat minn dak li qalu missieru u z-zijiet tiegħu li ħallsu xi djun f'ismu. Fuq kollox l-Ewwel Qorti kellha ċ-ċans li tara lix-xhud ewlieni jixhed kif ukoll wieħed mill-appellanti – Maurizio Zahra – jixhed. Għal kull buon fini jingħad li mhux l-ineżatezzi kollha jqanqlu dubju raġonevoli.

Illi lanqas ma jfisser li għax ma ġewx ippreżentati dokumenti dwar kif kellu jitħallas il-kapital u l-imgħax allura l-prova ma saritx. Kien McKay innifsu li qal lill-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Yvonne Farrugia li ma kinitx issir kitba dwar dan is-self. Għandu jingħad li l-prova dokumentarja mhijiex *sine qua non* biex il-Ġudikant ikun persważ lil hinn minn kwalunkwe dubju li r-reat ta' użura jkun seħħ.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell rispettiv tagħhom.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Mressqa Mill-Appellant Mario Gauci (Vol. IV – *a fol.* 894 *et seq.*)**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Mario Gauci huwa li minn dak li xehed McKay minn imkien ma tirriżulta xi attivita' illegali ta' użura da parti tiegħu (ta' Gauci). Jgħid li McKay huwa inkonsistenti f'dak li jgħid u mhux korroborat anzi huwa kontradett minn ċirkostanzi oħra li jiffurmaw parti mill-atti proċesswali b'mod partikolari b'dak li jgħid Ray Fauzza u dak li jirriżulta mill-provi mressqa mid-difiża.

Illi l-appellant Gauci jissottometti li McKay għamel rapport għand il-Pulizija meta lanqas kien irritorna s-somom kapitali mislufa. Dwar dan din il-Qorti tinnota li dawn mhumiex proċeduri ċivili dwar jekk wieħed fadallux jieħu xi flus jew le. Dawn huma proċeduri kriminali dwar jekk seħħitx l-użura jew le.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami li mkien ma jirriżulta r-reat in kwistjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li xehed McKay quddiem l-Ewwel Qorti meta qal hekk (Vol. II – *a fol.* 213):

> "Peress li dan Mario Gauci lili ma kienx jafni saqsieni min jien. Identifikajt ruħi u għidtlu wkoll min huma l-familja tiegħi. Għidtlu li jiena għandi *restaurant* Al Mare. Hu qalli li l-familja tiegħi huwa jafhom kollha u tlabtu elfejn lira Maltin liema ammont huwa tani. Il-ftehim ta' bejnietna kien illi jiena rrid inħallsu lura erbat elef lira Maltin u li dawn kellhom jitħallsu f'pagamenti kull ġimgħa."

Illi jekk wieħed jieħu l-anqas ċifra msemmija – mitt lira Maltin (Lm100) fil-ġimgħa – dan kien ifisser li fi żmien erbgħin (40) ġimgħa – anqas minn sena – McKay kien ser iħallas lill-appellant id-doppju ta' dak misluf. Hawn il-ftehim kien li l-imgħax jitla' elfejn lira Maltin (Lm2,000) f'erbgħin (40) ġimgħa. Dan ifisser li jeżistu t-tliet elementi tar-reat li ġew imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi dwar dak li jissottometti l-appellant Gauci meta jgħid li McKay huwa inkonsistenti f'dak li jgħid u mhux korroborat anzi huwa kontradett, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza (paġna 12 il-quddiem ta' din is-sentenza) dwar il-kredibilita' ta' McKay u d-diskrepanzi f'dak li qal u tapplikah hawn. Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju tal-appellant Gauci qed ikun miċħud.

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant Gauci huwa li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva u gravuża fiċ-ċirkostanzi.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li

> tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. […] Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq u dak li l-appellant Mario Gauci ġie misjub ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta' Mario Gauci hija fil-parametri tal-liġi. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti kkalibrat il-piena sew fir-rigward ta' Mario Gauci. Għal kull buon fini jingħad li din il-Qorti tinnota li ħadet konjizzjoni tad-dokument ippreżentat mill-appellant Mario Gauci quddiem din il-Qorti kif preseduta fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2023. Tenut kont tal-fatt li dan il-każ beda quddiem l-Ewwel Qorti fis-sena 2008 u l-proċeduri ilhom pendenti fi stadju ta' appell sa mis-sena 2016, din il-Qorti hija tal-fehma li għandu jkun hemm temperament fil-piena mogħtija fil-konfront tal-appellant Mario Gauci fis-sens li jonqos it-terminu ta' priġunerija hekk kif ser jirriżulta fid-*decide* ta' din is-sentenza u dana meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li mill-fedina penali aġġornata tiegħu hekk kif eżebita quddiem din il-Qorti kif preseduta ma

jirriżultax li l-appellant Gauci kiser il-liġi fl-aħħar snin riċenti. Dwar il-multa erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta' Mario Gauci, din il-Qorti tqies li għandha tibqa' fis-seħħ. Din il-Qorti ma tqiesx li l-appellant Gauci jimmerita sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema jkun sospiż u dana minħabba r-rwol ta' Gauci fl-użura f'dan il-każ. Għaldaqstant it-tieni aggravju tal-appellant Mario Gauci qed ikun milqugħ bil-mod kif appena imsemmi.

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Mressqa Mill-Appellanti Mary Muscat (Vol. IV – *a fol.* 896 *et seq.*)**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti Mary Muscat huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi tal-liġi b'mod li wassal sabiex erronjament tinstab ħtija fiha. Tisħaq li kien hemm inkonsistenzi fix-xiehda ta' Marvin McKay li kien ukoll kontradett b'dan illi fil-każ tagħha (ta' Mary Muscat) jingħad li s-self sar minħabba l-pressjoni magħmula minn McKay stess fil-konfront tagħha.

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti terġa' tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza (paġna 12 il-quddiem ta' din is-sentenza) dwar il-kredibilita' ta' McKay u d-diskrepanzi f'dak li qal. Dak li diġa' ngħad dwarhom, għandu jkun applikat hawn. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li l-fatt li wieħed ikun talab hu għas-self ma jfissirx li ma jkunx twettaq ir-reat. Apparti minn dan, din il-Qorti jirriżultalha li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-provi li tressqu quddiemha b'mod speċjali meta ħadet in konsiderazzjoni dak li qal McKay quddiemha u d-diskrepanzi li qal. Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju tal-appellanti Muscat qed ikun miċħud.

Illi t-tieni aggravju tal-appellanti Mary Muscat huwa li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-konfront tagħha hija waħda eċċessiva. Tisħaq li hija qatt ma kellha titqiegħed fl-istess keffa bħal ko-imputati l-oħra kemm minħabba l-ammonti in kwistjoni

kif ukoll minħabba disparita fil-fedini penali rispettivi u l-metodi adoperati.

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant Mario Gauci u tapplikah hawn, din il-Qorti żżid tgħid li l-Avukat Ġenerali nsista li għandu jkun hemm piena ta' priġunerija *"anki jekk mhux effettiva"* (Vol. IV: *a fol.* 1017). Meħud dan in konsiderazzjoni, inkluż it-trapass ta' żmien li ħadu dawn il-proċeduri sabiex jiġu konklużi llum u nkluż il-fatt li l-fedina penali aġġornata tal-appellanti hekk kif eżebita quddiem din il-Qorti turi li l-appellanti kisret il-liġi ftit drabi u li l-aħħar darba li ġara hekk kien ħafna snin ilu, b'hekk din il-Qorti ser tilqa' t-tieni aggravju tagħha b'dan illi filwaqt li ser tħalli fis-seħħ il-multa mposta fuq l-appellanti Muscat mill-Ewwel Qorti, tqies li l-appellanti msemmija timmerita sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema jkun sospiż *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Mressqa Mill-Appellant Carmel Mangion (Vol. IV – *a fol.* 900 *et seq.*)**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Carmel Mangion huwa li l-Ewwel Qorti applikat oneru ta' prova skorrett. Huwa jissottometti li l-Prosekuzzjoni għandha ġġib l-aħjar prova u li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dokumentarja għajr għal ċekkijiet foloz. Jisħaq li McKay jittenta jsaħħaħ il-verżjoni tiegħu b'xhieda ta' membri tal-familja tiegħu ossia tliet zijiet u missieru. L-appellant jirreferi għax-xiehda ta' Manuel McKay li jgħid li ra lil Marvin McKay jagħti ammont ta' ħames mitt lira Maltin (Lm500) fi tliet okkażjonijiet lil Charlie Mangion. Skont l-appellant dan seta' faċilment ikun ippruvat minn xhieda indipendenti. Jisħaq li oltre dan huwa (Carmel Mangion) ma jistax jinstab ħati fuq provi li mhux ċari.

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza dwar in-nuqqas ta' provi dokumentarji. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li l-fatt li x-xiehda tkun ta' membri tal-familja ma jfissirx li għandha tkun awtomatikament esklużа. Ebda dispożizzjoni tal-liġi dwar il-provi ma tiddisponi li x-xhieda jridu jkunu indipendenti biss jew li membri tal-familja huma esklużi. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant Carmel Mangion qed ikun miċħud.

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant Mangion huwa li x-xiehda ta' Marvin McKay ma ssaħħaħx it-teżi tiegħu. Jisħaq li Ray Fauzza xehed li McKay kien ammetta quddiem *manager* tal-Bank li huwa kien tilef is-somma ta' ħamsin elf Lira Maltin (Lm50,000) fuq imħatra imma mbagħad Marvin McKay dan innegah. Jgħid li McKay bil-ġurament qal li kien issellef sebat elef lira Maltin (Lm7,000) mingħandu (Mangion) iżda lill-Pulizija qalilhom li kien issellef tlieta u għoxrin elf u ħames mitt lira Maltin (Lm32,500). Jargumenta li l-ispjega mogħtija li forsi kienet ħadet żball l-iSpettur u li skont huwa kien ħallas ħafna ammonti aktar minn hekk mhux il-mod kif issir il-prova fi proċess kriminali. Isostni li McKay lanqas biss kien konsistenti fuq kemm kellu ħaddiema miegħu – jgħid daqqa jgħid tlieta u daqqa jgħid wieħed. Jgħid li x-xiehda ta' McKay hija nebolużа u nieqsa mill-koerenza fejn jidħlu l-ammonti u għalhekk il-Qorti ma kellhiex tistrieħ fuqha.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti ssib li hemm koerenza f'dak li xehed Marvin McKay u hija m'għandha ebda dubju raġonevoli dwar kif seħħew l-affarijiet u dana fid-dawl ta' dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza qabel bdew jiġu kkunsidrati l-aggravji tal-appellanti f'dan il-każ. In fatti, din l-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tirreferi għal dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza dwar id-depożizzjoni mogħtija minn McKay (paġna 12 il-quddiem ta' din is-sentenza) u tapplikah hawn. B'hekk isegwi li anke t-tieni aggravju tal-appellant Mangion qed ikun miċħud ukoll.

Illi għal kull buon fini din il-Qorti tinnota li ħadet konjizzjoni tad-dokument ippreżentat mill-appellant Carmel Mangion quddiem din il-Qorti kif preseduta fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2023 u tinnota wkoll li fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Mangion ma ressaq aggravju dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Mressqa Mill-Appellant Maurizio Zahra (Vol. IV – *a fol.* 906 *et seq.*)**

Illi l-appellant Maurizio Zahra jressaq erba' aggravji fir-Rikors tal-appell tiegħu. Il-Qorti ser tikkunsidra l-ewwel u t-tieni aggravji flimkien u dana peress li t-tieni aggravju jista' jiġi kkunsidrat bħala estensjoni tal-ewwel aggravju.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Zahra huwa li l-provi tal-Prosekuzzjoni ma jistgħu qatt iwasslu biex hu jinstab ħati tar-reat ta' self bl-użura. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni naqset li ġġib provi dokumentarji waqt li McKay mhux xhud attendibbli. Jaqsam l-aggravju in eżami fis-segwenti:

- Il-*business* fir-restoranti Al Mare: kien sejjer tajjeb jew ħażin?: Jgħid li lanqas huwa ċar dwar kif kien sejjer ir-restorant. Hawnhekk l-appellant Zahra jagħmel riferenza għal dak li qal McKay waqt id-depożizzjoni tiegħu. Jgħid ukoll li x-xhud Raymond Fauzza jixhed li l-ħanut kien sejjer tajjeb u li skont hu (Zahra) dan juri li McKay ma kienx qed jgħid il-verita' meta ddikjara li kellu jmur jissellef minħabba li n-negozju tiegħu ma kienx sejjer tajjeb. Fl-istess waqt, l-appellant Zahra jirrikonoxxi li lejn l-aħħar tad-depożizzjoni tiegħu McKay qal li r-restorant kien sejjer tajjeb. Jisħaq li filwaqt li meta McKay ġie rinfaċċat bid-domanda ta' kif kien qed iħallas il-pagamenti kollha huwa allega li r-restorant kellu *sales* ta' għoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) fil-ġimgħa, Fauzza jgħid li

t-*turn-over* f'ġurnata partikolari tas-sajf kienet tkun ta' elf lira Maltin kuljum (Lm1,000). Zahra jargumenta li għalhekk it-*turn-over* f'ġimgħa kien dak ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000).

- L-allegati pagamenti li kien qed jagħmel li diversi nies li ssellef flus minn għandhom: Zahra jargumenta li McKay anqas huwa affidabbli meta qal li huwa kien imur minn persuna għal oħra jitlob li jissellef il-flus biex skont hu jtaffi l-problema tal-flus li kellu. Jgħid li jekk McKay ma kienx qed ilaħħaq biex iħallas mija u ħamsin lira Maltin (Lm150) fil-ġimgħa lil Mario Gauci, kif seta' jmur jissellef mingħand Doreen biex jagħtiha wkoll mija u ħamsin lira Maltin (Lm150) fil-ġimgħa wkoll. Jgħid li lanqas hu veru li missier l-appellant ġibed mija u erbgħin elf lira Maltin (Lm140,000) mill-bank għaliex il-*bank statements* ta' missier Marvin McKay innifsu juru li dan lanqas biss kellu din is-somma. Jisħaq li oltre dan missier McKay ma ħax is-somma kollha ta' mija u għaxart elf lira Maltin (Lm110,000) meta nbiegħet id-dar għax ħa biss tlieta u għoxrin elf lira Maltin (Lm23,000) u l-bqija sebgħa u tmenin elf lira Maltim (Lm87,000) ġie *"paċut b'simili somma dovuta mill-istess vendituri lill-kompratur riżultanti minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti ....".* Jisħaq li dawn kienu provi prodotti mill-Prosekuzzjoni li jkomplu jikkontradixxu l-pożizzjoni ta' Marvin McKay.

- L-allegazzjonijiet ta' Marvin McKay fil-konfront ta' Maurizio Zahra: L-appellant Zahra jgħid li McKay jgħid li huwa mar ikellem lilu u talbu għaxart elef lira Maltin (Lm10,000) wara li kien kellem lil Charlie s-Subina u kien hemm ftehim li jħallas lil dan tal-aħħar is-somma ta' ħames mitt lira Maltin (Lm500) fil-ġimgħa. Jgħid li McKay qal li dawn il-pagamenti kienu mexjin sew u li kien wasal fl-ammont pendenti ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000) minn somma ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000). Zahra jisħaq li huwa inverosimili li McKay kien

qed iħallas ħames mitt lira Maltin (Lm500) fil-ġimgħa lil Carmel Mangion (Charlie s-Subina) u McKay ma jgħid imkien li f'dan il-perjodu kellu problemi biex ikompli jħallas u jistaqsi għalfejn mar għandu (għand Zahra) biex jissellef għaxart elef lira Maltin (Lm10,000). Jargumenta li jekk bniedem għandu problemi finanzjarji huwa inverosimili u impossibbli li huwa jirnexxilu jħallas għoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) f'erbgħin (40) jum, apparti l-għoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) fl-erbgħin (40) ġurnata l-oħra. Jgħid li lanqas ma jagħmel sens li wieħed jissellef għaxart elef lira Maltin (Lm10,000) u jħallas għoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) u mbagħad imur għand l-istess kreditur biex jerġa' jissellef għaxart elef lira Maltin (Lm10,000) bl-istess kondizzjoni. Jargumenta li jekk wieħed ma setax ileħħaq mal-pagamenti tal-aħħar għaxart elef lira Maltin (Lm10,000) kif ser jerġa' jissellef elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) mingħand l-istess kreditur?

L-appellant Zahra jqanqal dubji dwar l-*invoices* li għandhom x'jaqsmu max-xorb għax dawn ma jurux l-isem "Charles Grech" għalkemm huma jikkorroboraw il-verżjoni tiegħu (ta' Zahra) li jispjega li Marvin McKay ġieli tah xi xorb biex ibiegħhulu u ta' dan kien jieħu kummissjoni. Jagħlaq din il-parti billi jgħid li x-xiehda ta' McKay fil-konfront tiegħu (ta' Zahra) m'hijiex affidabbli u tħalli dubji serji dwar il-veraċita' tagħha u jgħid li ma tista' qatt twassal għal-livell ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Jisħaq li b'hekk hu kellu jiġi liberat mill-imputazzjoni tal-użura.

- It-testimonjanza tal-familjari ta' Marvin McKay: Fl-appell tiegħu Maurizio Zahra jissottometti wkoll li l-familjari ta' McKay qatt ma kienu preżenti waqt l-allegati ftehim u li allura din ix-xiehda ma tistax tintuża biex tikkorrobora dak li qal McKay. Jgħid li barra minn hekk ċerti ċifri ma jaqblux. Jissottometti li (Vol. IV: *a fol.* 918): *"Skont il-verżjoni ta' Marvin,*

*peress li skont hu kien iħallas kull Lm10,000 qabel ma jmur għal Lm10,000 l-oħra, isegwi li fl-ebda mument Marvin ma kellu dejn ta' Lm55,000 f'daqqa favur Maurizio Zahra."* Jgħid li l-figura taqbel ma' dak li jgħid hu (Zahra) dwar l-imħatra li McKay kien tilef.

- <u>Raymond Fauzza</u>: Zahra jargumenta li dan ix-xhud li tressaq mill-Prosekuzzjoni jgiddeb lil McKay filwaqt li jsaħħaħ il-verżjoni tiegħu (ta' Zahra). Jgħid li x-xiehda ta' Raymond Fauzza turi li l-ħanut kien sejjer tajjeb u li tassew li McKay kien għamel imħatra u tilifha. Barra dan iċ-ċekkijiet li ħareġ McKay lilu (lil Zahra) huma tnejn u d-dati juru li dawn għandhom x'jaqsmu mal-*commission* li McKay kien jagħti lilu (lil Zahra) tal-bejgħ tax-xorb. L-ammonti fuq iċ-ċekkijiet huma ta' tliet mija u ħamsa u disgħin Euro (€395) u mitejn u tmenin Euro (€280).

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant Zahra huwa li fejn huwa ġie misjub ħati tar-reat ta' użura fis-sentenza appellata hija *unsafe* u *unsatisfactory*. Jisħaq li l-Ewwel Qorti stess tgħid li f'ċerti aspetti McKay kien kontradett imma mbagħad qalet li dawn id-diskrepanzi mhux detrimentali għall-aħħar. Isostni li l-kwistjoni tal-imħatra hija importanti għaliex turi għala McKay kellu jagħti ċerti flus lilu (lil Maurizio Zahra). Jgħid li l-fatt li bniedem ikollu diffikultajiet finanzjarji lanqas ma jfisser li allura huwa vittma tal-użura.

Illi dwar l-aggravji in eżami, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza (paġna 12 il-quddiem tagħha) fejn għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-kredibilita' ta' McKay u d-diskrepanzi tiegħu u tapplikah hawn. Apparti minn dan, dwar l-ewwel aggravju tal-appellant Zahra, din il-Qorti żżid tgħid ukoll li tul id-depożizzjoni tiegħu, Marvin McKay qal hekk (Vol. II: *a fol.* 218):

> "Mort inkellmu [lil Maurizio Zahra] u tlabtu għaxart elef lira. Hu aċċetta li jagħtini l-għaxart elef bil-patt illi l-għaxart elef isiru għoxrin elf u dawn l-għoxrin elf inħallashom ħames mija kull jum apparti l-Ħadd. Dan l-istess ftehim ma' Maurizio għamiltu tliet darbiet ċioè ħadt tliet ammonti ta' għaxart elef lira illi saru għoxrin elf pagabbli ħames mija kuljum apparti l-Ħadd.
>
> It-tielet darba illi ħadt is-somma ta' għaxart elef lira mingħand Maurizio ġejt f'pożizzjoni fejn ma kontx qed inlaħħaq il-ħames mija *repayment* kuljum u allura hu qalli li jekk ma nlaħħaqx il-ħames mija ntih mitejn u ħamsin pero' dawn ikollna nikkunsidrawhom bħala imgħax. Għamilt perjodu ta' xahrejn tliet xhur intih l-ammont ta' mitejn u ħamsin lira kuljum u mbagħad kont mort kellimtu u għidtlu: *"ma jistax ikun nibqgħu sejrin hekk"*. Kont kellimtu kif għidt u ftehmna illi l-pagament li kont intih kuljum kien ħa jkun bħala pagament biex naqta' l-kapital."

Illi l-appellant Zahra jirreferi għan-nuqqas ta' provi dokumentarji. Dwar dan din il-Qorti diġà nnutat aktar 'il fuq li dawn mhumiex indispensabbli biex wieħed jasal għal konklużjoni li kien hemm r-reat ta' użura. L-appellant Zahra jagħmel riferenza dwar kif kien sejjer ir-restorant. Dwar dan, din il-Qorti tinnota li dan mhux il-qofol tal-provi u lanqas m'hu rilevanti kemm kien it-*turn-over* tar-restorant kuljum. Id-djarji eżebiti juru li kien ikun hemm *bookings* minn ħafna klijenti. Zahra jistaqsi wkoll kif wieħed li ma jistax iħallas ċertu ammont ta' flus fil-ġimgħa jidħol għal dejn ta' ħafna aktar fil-ġimgħa. Dwar dan, din il-Qorti tinnota li ġialadarba jiġi kkunsidrat dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza minn din il-Qorti dwar ix-xiehda mogħtija minn McKay (paġna 12 il-quddiem ta' din is-sentenza), wieħed jasal għal konklużjoni li f'sitwazzjonijiet bħal ma sab ruħu fihom Marvin McKay jittieħdu deċiżjonijiet li mhux bilfors jimxu mal-loġika.

Illi din il-Qorti lanqas ma taċċetta s-sottomissjoni dwar il-kontijiet tal-bank tal-missier. Jekk ma kellhomx il-flus msemmija b'dan illi Anthony McKay jgħid li r-restorant Al Mare kien tiegħu u kien jiġġestih ibnu u li l-introjtu kien jieħdu hu wkoll. Huwa qal li spiċċaw bid-dejn mal-aġenti. Anthony McKay spjega ukoll li meta sar jaf li ibnu kien issellef anke minn għand Maurizio Zahra, huma marru għandu (għand Zahra) u dan qal lil Anthony McKay li kien silef għaxart elef lira Maltin (Lm10,000) lil Marvin u li tagħhom kien diġà ħallsu għoxrin elf lira Maltin (Lm20,000). Anthony McKay jgħid li huwa ħallsu għaxart elef oħra lil Zahra u jirrakkonta wkoll li xi żmien wara li sar ir-rapport lil Pulizija, u fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti, kien hemm okkażżjoni meta hu u Marvin kienu jinsabu fil-vettura u għadda Zahra, waqqaf, ħareġ mill-vettura tiegħu mar għal fuq Marvin u qallu *""tinsiex li għandek it-tfal""*.

Illi l-missier qal ukoll li kien issellef ħamest elef lira Maltin (Lm5,000) mingħand Doreen. Dan kollu juri li l-ħlasijiet ma sarux mill-kontijiet tal-bank biss. Huwa wkoll tassew li jirriżulta li parti mill-flus tad-dar li kien biegħ missier McKay marret biex tpaċi dejn li kellu max-xerrej tad-dar u li l-bilanċ li ħa kien ta' tlieta u għoxrin elf lira Maltin (Lm23,000) biss iżda dan kollu ma jnaqqas xejn minn dak li xehed McKay fix-xiehda tiegħu dwar Maurizio Zahra.

Illi l-appellant Zahra jagħmel numru ta' domandi dwar kif Marvin McKay seta' jagħmel dawk il-pagamenti kollha. Għandu jiġi nnutat li l-appellant qed jipprova jsib sens f'sitwazzjoni fejn wieħed qed jipprova jissellef il-flus f'sitwazzjoni totalment bla tama basta jeħles mid-dejn l-aktar fil-qrib. Filfatt din il-parti tar-Rikors tal-appell ta' Zahra hija kollha mibnija fuq is-sottomissjoni li la dawn il-ħlasijiet ma jagħmlux sens, allura ma sarux.

Illi l-appellant Zahra jibqa' miexi fuq l-istess binarju meta jirreferi għas-sittin (60) flixkun Jack Daniel's. McKay stess jgħid li huwa

kellu kontijiet pendenti ma' Charles Grech. Jekk l-isem ma deherx fuq l-*invoices* li ħareġ ma jfissirx li McKay ma kienx midjun ma' Charles Grech. Lanqas huwa eżatt l-appellant Zahra dwar ix-xiehda tal-familjari għaliex jallega li dawn qagħdu fuq li kien qalilhom McKay. Jirriżulta li dawn indaħlu biex iħallsu d-djun huma biex ma jħallux lil McKay fil-gwaj li kien fih. Ma jirriżultax li huma rripetew biss dak li qalilhom McKay imma ħadu sehem attiv biex jippruvaw isolvu l-problema. Wieħed minnhom saħansitra sema' lil Maurizio Zahra jgħid li għandu jieħu l-flus u rah iqalleb fil-karti. Għalhekk ma jistax jingħad li dawn qagħdu sempliċement fuq li qalilhom McKay. Ix-xiehda mogħtija minnhom hija ammissibbli bħala prova u tista' tikkorrobora dak li xehed McKay.

Illi l-appellant Zahra jissottometti wkoll li l-ammonti aktar għandhom x'jaqsmu mal-imħatra li McKay tilef kontra Maurizio Zahra. Iżda l-problemi ta' McKay bdew qabel ma saret l-imħatra li, kif qalet l-Ewwel Qorti, setgħet għarrqet is-sitwazzjoni. Imma wkoll jekk tkun aċċettata din it-teżi tal-imħatra, l-appellant qatt ma seta' jagħmel il-kondizzjonijiet li McKay isemmi fix-xiehda tiegħu dwar is-self. L-appellant Zahra jsemmi l-ammonti li jidhru fuq iċ-ċekkijiet u jissottometti li dawn l-ammonti aktar jaqblu ma' *commissions* għal xorb. B'danakollu dan ma jfissirx li ma sarux pagamenti bi flus kontanti. Għalhekk ma jistax jingħad li l-ammonti li jidhru fuq iċ-ċekkijiet igiddbu lil McKay. Għaldaqstant, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant Zahra.

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant Zahra jissottometti li s-sentenza appellata hija waħda *unsafe* u *unsatisfactory* u jirreferi għall-ineżatezzi kif ukoll għall-imħatra. Zahra jissottometti li l-imħatra hija importanti. Kif diġà ngħad, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi għal dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza (paġna 12 il-quddiem tas-sentenza) dwar id-diskrepanzi ta' Marvin McKay u tapplikahom hawn. Għal dak li jirrigwarda l-

ħlas tal-imħatra, jekk għall-argument din vera eżistiet, l-appellant Zahra ma kellu ebda dritt li jeżiġi imgħaxijiet mhux xierqa biex din titħallas. Għaldaqstant, anke it-tieni aggravju tal-appellant Zahra qed ikun miċħud ukoll.

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant Zahra huwa li l-provi tad-difiża fihom ċaħda tal-allegazzjonijiet magħmula kontra tiegħu. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li hija fliet dak li xehed Maurizio Zahra u eżaminat iċ-ċaħda tiegħu li huwa sellef xi flus iżda hu stess jgħid li kien ta elf Euro (€1,000) lil McKay meta dan tal-aħħar kien dahru mal-ħajt u ma kienx ser ikun jista' jiftaħ ir-restorant. B'hekk Zahra kien jislef il-flus u mhux ma jislifx! Din il-Qorti ssib li dak li xehed McKay għandu aktar mill-verita' speċjalment fid-dawl ta' dak li xehed il-missier Anthony McKay meta qal hekk (Vol. II: *a fol.* 251):

> "Nixtieq ngħid li ftit wara li jien kont mort għand il-Pulizija mat-tifel, Maurizio Zahra kien ġie ħdejn ir-restorant u qal lit-tifel li għandu bżonn ikellmu. Jien lil Maurizio għidtlu biex lit-tifel ma jkellmux minħabba l-proċeduri li kienu għaddejjin u li konna għamilna rapport lil Pulizija. Maurizio qalli illi kien ħa permess mingħand l-iSpettura biex ikellem lil Marvin. Jiena għidltu li: *"ladarba kellek permess tal-iSpettur, kellmu"* għidtlu: *"pero' d-diskors ser isir fil-preżenza tiegħi"*. Marvin ġie. Maurizio qallu: *"Ara dawk l-erbgħin elf lira Maltin insihom"* u qallu, qallu: *"minflok tini tlitt elef u qisu qatt ma kien xejn."* Jiena intervjenet u għidtlu t-tifel taha biżżejjed u mhux ser jagħti xejn iktar.
>
> Għadda daqxejn żmien. Konna qegħdin jien u t-tifel għaddejjin, neżlin fid-direzzjoni tal-Belt minn ħdejn il-Phoenicia u għadda Maurizio. Qabiżna bil-karozza, ngħid anke jien u Marvin konna fil-karozza tagħna. Waqaf quddiemna u allura aħna kellna nieqfu wkoll.

Maurizio ħareġ minn ġol-karozza, beda jkellem lit-tifel u qallu dawn il-kliem: *"Ġiex kelmiet ħa ngħidlek. Tinsiex li għandek it-tfal"*. Jiena intervenejt u għidtlu: *"Xi trid tgħid bih dan id-diskors?"*, pero' Maurizio qabad u telaq."

Illi tenut kont ta' dan kollu t-tielet aggravju tal-appellant Zahra qed ikun miċħud ukoll.

Illi r-raba' aggravju tal-appellant Zahra, li huwa mingħajr preġudizzju għall-aggravji l-oħra tiegħu, huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Zahra jissottometti li għandu jkun hemm temperament fil-piena. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza fir-rigward tal-aggravju dwar il-piena ta' Mario Gauci u tapplikah hawn. Għall-istess raġunijiet hemm imsemmija, inkluż meħud in konsiderazzjoni l-fedina penali aġġornata ta' Zahra hekk kif eżebita quddiem din il-Qorti kif preseduta, din il-Qorti ser tilqa' l-aggravju in eżami b'dan illi filwaqt li ma hijiex tal-fehma li tnaqqas il-multa imposta mill-Ewwel Qorti, ma tqiesx anqas, bħal fil-każ ta' Mario Gauci, li l-appellant Zahra jimmerita sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema jkun sospiż, b'dan illi ser tnaqqas it-terminu ta' priġunerija hekk kif ser jirriżulta fid-*decide* ta' din is-sentenza.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn iddikjarat il-proċediment eżawriet fir-rigward tal-imputat Anthony Borg stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-proċeduri;

- tiċħad l-appell imressaq mill-appellant **Carmel Mangion** u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija fil-konfront tiegħu fl-intier tagħha u għaldaqstant tikkonferma n-nuqqas ta'

sejbien ta' ħtija tiegħu fit-tieni (2) imputazzjoni li minnha ġie liberat u fejn instab ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u fejn ġie kkundannat erba' (4) xhur priġunerija u multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) u tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Carmel Mangion ġie kkundannat biex iħallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mija u tnejn u għoxrin Euro (€122) ammont li jirrappreżenta sehmu mill-ispejjeż inkorsi mal-ħatra ta' esperti;

- tilqa' *in parte* l-appelli mressqa mill-appellanti **Mario Gauci**, **Mary Muscat** u **Maurizio Zahra** u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata mogħtija fil-konfront tagħhom billi:

  - fir-rigward tas-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Mario Gauci:

    tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fir-rigward tal-appellant Mario Gauci fejn ma sabitux ħati tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u li minnha ġie liberat u tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn instab ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra tiegħu, b'dan li ma kkunsidratux reċidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta imma ta' Artikolu 49 biss;

    tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Mario Gauci ġie kkundannat iħallas multa ta' sitt elef Euro (€6,000) u fejn ġie kkundannat iħallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mija u tnejn u għoxrin Euro (€122) ammont li jirrappreżenta sehmu mill-ispejjeż inkorsi mal-ħatra ta' esperti;

tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Mario Gauci ġie kkundannat erba' (4) xhur priġunerija u minflok tikkundannah tliet (3) xhur priġunerija;

- <u>fir-rigward tas-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Mary Muscat</u>:

  tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fir-rigward tal-appellanti Mary Muscat fejn ma sabithiex ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u li minnha ġiet liberata u tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn instabet ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra tagħha;

  tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti Mary Muscat ġiet ikkundannata tħallas multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) u fejn ġiet ikkundannata tħallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mija u tnejn u għoxrin Euro (€122) ammont li jirrappreżenta sehemha mill-ispejjeż inkorsi mal-ħatra ta' esperti;

  tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti Mary Muscat ġiet ikkundannata erba' (4) xhur priġunerija u minflok tikkundannaha għal piena ta' erba' (4) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' sentejn millum;

- <u>fir-rigward tas-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Maurizio Zahra</u>:

  tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fir-rigward tal-appellant Maurizio Zahra fejn ma sabitux

ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u li minnhom ġie liberat u tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn nstab ħati tal-imputazzjoni l-oħra miġjuba kontra tiegħu;

tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Maurizio Zahra ġie kkundannat iħallas multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) u fejn ġie kkundannat iħallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mija u tnejn u għoxrin Euro (€122) ammont li jirrappreżenta sehmu mill-ispejjeż inkorsi mal-ħatra ta' esperti;

tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Maurizio Zahra ġie kkundannat erba' (4) xhur priġunerija u minflok tikkundannah tliet (3) xhur priġunerija.

Finalment, il-Qorti spjegat lill-appellanti Mary Muscat fi kliem ordinarju u bl-aktar mod ċar l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat ieħor fi żmien li l-perjodu ta' priġunerija tagħha ġie sospiż.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**